

## I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

## OPINJONIJIET

## KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

**Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tkomplija ta' xogħol fuq il-Programm ta' Ħidma għall-aħjar implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data**

(2007/C 255/01)

## IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, <sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

## I. INTRODUZZJONI

1. Fis-7 ta' Marzu 2007, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tkomplija ta' xogħol fuq il-Programm ta' Ħidma għall-aħjar implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data <sup>(3)</sup> intbagħtet mill-Kummissjoni lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD). Skond l-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, il-KEPD jippreżenta din l-opinjoni.

2. Il-Komunikazzjoni ttenni l-importanza tad-Direttiva 95/46/KE <sup>(4)</sup> bħala punt importanti fil-protezzjoni tad-data personali u tiddiskuti d-Direttiva u l-implimentazzjoni tagħha fi tliet kapitoli: il-passat, il-preżent u l-futur. Il-konklużjoni ċentrali tal-Komunikazzjoni hija li d-Direttiva m'għandhiex tiġi emendata. L-implimentazzjoni tad-Direttiva għandha tittejjeb ulterjorment permezz ta' strumenti ta' politika oħrajn, il-biċċa l-kbira tagħhom ta' natura mhux vinkolanti.

3. Din l-opinjoni tal-KEPD issegwi l-istruttura tal-komunikazzjoni. Aktar importanti minn hekk, il-KEPD jikkondividi l-konklużjoni ċentrali tal-Kummissjoni li d-Direttiva m'għandhiex tiġi emendata.

4. Madankollu, il-KEPD jieħu din il-pożizzjoni anki minħabba raġunijiet pragmatiċi. Il-punti ta' tluq għall-KEPD huma kif ġej:

— Fil-perijodu qasir, l-enerġija aħjar tintuża fuq titjib fl-implimentazzjoni tad-Direttiva. Kif turi l-Komunikazzjoni, għadu possibbli titjib konsiderevoli fl-implimentazzjoni.

— Fil-perijodu itwal, jidher li tibdil tad-Direttiva ma jistax jiġi evitat, filwaqt li jinżammu l-prinċipji fundamentali tagħha.

— Għandha tiġi stabbilita minn issa data ċara għal revizzjoni sabiex jittejjew proposti li jwasslu għal dan it-tibdil. Din id-data tagħti inkentiv ċar biex tinbeda diġà minn issa r-riflessjoni dwar it-tibdil futur.

<sup>(1)</sup> ĠUL 281, 23.11.1995, p. 31.<sup>(2)</sup> ĠUL 8, 12.1.2001, p. 1.<sup>(3)</sup> Minn hawn 'il quddiem: il-Komunikazzjoni.<sup>(4)</sup> Minn hawn 'il quddiem: id-Direttiva

5. Dawn il-punti ta' tluq huma essenzjali peress li wieħed irid jiftakar li d-Direttiva topera f'kundest dinamiku. L-ewwel nett, l-Unjoni Ewropea qed tinbidel: il-fluss ħieles ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri — u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi — sar aktar importanti u ser isir realtà saħan-sitra aktar importanti. It-tieni, is-soċjetà qed tinbidel. Is-soċjetà ta' l-informazzjoni qed tevolvi u għandha dejjem aktar u aktar il-karatteristiċi ta' soċjetà ta' sorveljanza<sup>(5)</sup>. Dan jimplika hteġa li qed tikber għall-protezzjoni effettiva tad-data personali biex dawn ir-realtajiet ġodda jiġu ttrattati b'mod kompletament sodisfaċenti.

biex l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi jiġbru, jaħżnu u jiskambjaw data personali. Kif juru każijiet reċenti, f'xi każijiet huwa involut is-settur privat. Il-linja diviżorja mat-tielet pilastru tat-Trattat UE (li f'dan il-qasam id-Direttiva ma tapplikax) ssir minn naħa waħda aktar importanti u minn naħa oħra aktar fluwida. Hemm saħan-sitra riskju li f'ċerti każijiet id-data personali ma tkun protetta la mill-istrumenti ta' l-ewwel pilastru u lanqas minn daww ta' tielet pilastru (il-“lakuna għuridika”).

— Il-konsegwenzi, fi kwalunkwe każ għall-protezzjoni tad-data u l-infurzar tal-liġi, tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' *Riforma*, issa previst għall-2009.

## II. IL-PERSPETTIVI TA' L-OPINJONI

6. Fil-valutazzjoni tiegħu tal-komunikazzjoni, il-KEPD ser jindirizza b'mod partikolari l-perspettivi li ġejjin li huma rilevanti fir-rigward ta' dan it-tibdil:

— It-titjib ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva nnifisha: kif tista' l-protezzjoni tad-data ssir aktar effettiva? Biex ikun hemm titjib tali hija meħtieġa taħlita ta' strumenti ta' politika li tkun tvarja minn komunikazzjoni aħjar mas-soċjetà għal infurzar aktar strett tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data.

— L-interazzjoni mat-teknoloġija: żviluppi teknoloġiċi ġodda bħal żviluppi fil-kondiviżjoni tad-data, sistemi RFID, bijometrika u sistemi ta' ġestjoni ta' l-identità għandhom impatt ċar fuq ir-rekwiżiti għal qafas legali effettiv għall-protezzjoni tad-data. Barra minn hekk, il-hteġa għal protezzjoni effettiva tad-data personali ta' individwu tista' timponi limitazzjonijiet fuq l-użu ta' dawn it-teknoloġiji ġodda. L-interazzjoni għandha għal-hekk żewġ lati: it-teknoloġija tinfluwenza l-leġislazzjoni u l-leġislazzjoni tinfluwenza t-teknoloġija.

— Privatezza fuq il-livell globali u kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni, li għandhom x'jaqsmu mal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni Ewropea. Filwaqt li l-ġurisdizzjoni tal-leġislatur Komunitarju hija limitata għat-territorju ta' l-Unjoni Ewropea, il-fruntieri esterni isiru anqas rilevanti għal flussi ta' data. L-ekonomija tiddependi dejjem aktar fuq netwerks globali. Kumpanniji bbażati fl-Unjoni Ewropea qed dejjem aktar jitrasferixxu attivitajiet li ssoltu jagħmlu huma stess, inkluż l-iproċessar ta' data personali, lil pajjiżi terzi. Barra minn hekk, każijiet reċenti bħal SWIFT u PNR jikkonfermaw li ġurisdizzjonijiet oħrajn juru interess f'data li toriġina fl-UE<sup>6</sup>. B'mod ġenerali, il-post fiżiku ta' operazzjoni ta' pproċessar huwa inqas rilevanti.

— Protezzjoni tad-data u infurzar tal-liġi: theddid reċenti għas-soċjetà, kemm jekk relatat mat-terroriżmu kif ukoll jekk le, wassal għal (domandi għal) aktar possibbiltajiet

## III. IL-PASSAT U L-PREŻENT

7. L-Ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-15 ta' Mejju 2003 kien fil-Programm ta' Ħidma għall-implimentazzjoni aħjar tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data, b'lista ta' 10 inizjattivi li kellhom jitwettqu fl-2003 u l-2004. Il-Komunikazzjoni tiddekrivi kif ġiet implimentata kull waħda minn dawn l-azzjonijiet.

8. Abbażi ta' l-analiżi tal-ħidma mwettqa skond il-Programm ta' Ħidma, il-Komunikazzjoni toħroġ valutazzjoni pożittiva tat-titjib miksub fl-implimentazzjoni tad-Direttiva. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, kif imqassra fl-intestaturi tal-kapitolu 2 (“il-preżent”) tal-Komunikazzjoni, bażikament tgħid li: l-implimentazzjoni tjebet, minkejja li xi Stati Membri għadhom ma implimentawx sew; għadhom jeżistu xi diverġenzi, iżda fil-biċċa l-kbira dawn jaqgħu fil-marġini ta' manuvra previst mid-Direttiva u fi kwalunkwe każ ma jimpunux problema reali għas-suq intern. Is-soluzzjonijiet legali mniżżla fid-Direttiva rriżultaw sostanzjalment adatti biex jigarantixxu d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data, filwaqt li jlaħħqu ma' l-evoluzzjoni fit-teknoloġija u r-rekwiżiti imposti mill-interessi pubbliċi.

9. Il-KEPD jikkondividi l-linji prinċipali ta' din il-valutazzjoni pożittiva. B'mod partikolari, il-KEPD jirrikonoxxi l-ħidma konsiderevoli mwettqa fil-qasam tal-flussi transkonfini tad-data: is-sejbiet ta' protezzjoni adegwata fir-rigward ta' pajjiżi terzi, klawżoli kuntrattwali standard ġodda, l-adozzjoni ta' regoli korporattivi vinkolanti, ir-riflessjoni dwar interpretazzjoni aktar uniformi ta' l-Artikolu 26(1) tad-Direttiva u t-titjib fin-notifiki skond l-Artikolu 26(2) kollha jmorru fid-direzzjoni tal-faċilitazzjoni tat-trasferimenti internazzjonali ta' data personali. Madankollu, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja<sup>(6)</sup> uriet li biex wieħed il-ħhaq ma' l-iżviluppi kemm fil-qasam teknoloġiku kif ukoll f'dak ta' l-infurzar tal-liġi għad baqa' xi xogħol xi jsir f'dan il-qasam kruċjali.

<sup>(5)</sup> Ara l-punt 37 ta' din l-opinjoni.

<sup>(6)</sup> B'mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti f'Lindqvist (ara n-nota 15 f'qiegħ il-paġna) u fil-każijiet PNR (ara n-nota 17 f'qiegħ il-paġna).

10. Il-Komunikazzjoni turi wkoll li l-infurzar u s-sensibilizzazzjoni huma kwistjonijiet ċentrali għall-promozzjoni ta' implimentazzjoni aħjar, u li dawn jistgħu jkunu sfruttati ulterjorment. Barra minn hekk, l-iskambju ta' l-aħjar prattika u l-armonizzazzjoni fil-qasam tan-notifiki u d-dispożizzjonijiet ta' informazzjoni jirrappreżentaw preċedenti li kellhom suċċess fit-tnaqqis tal-formalitajiet amministrattivi u ta' l-ispejjeż għall-intrapriżi.
11. Flimkien ma' dan, l-analiżi tal-passat tikkonferma li ma jistax isir titjib mingħajr l-involvement ta' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati. Il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data u l-Istati Membri huma atturi ċentrali fil-biċċa l-kbira ta' l-azzjonijiet imwettqa. Madankollu, ir-rwol tas-settur privat huwa dejjem aktar u aktar importanti, speċjalment fir-rigward tal-promozzjoni ta' l-awtoregolamentazzjoni u l-Kodiċi ta' Kondotti Ewropej, jew fir-rigward ta' l-iżvilupp ta' Teknoloġiji tat-Titjib tal-Privatezza.

#### IV. IL-FUTUR

##### A. Il-konklużjoni: l-ebda bidla fid-Direttiva issa.

12. Jeżistu diversi raġunijiet biex tkun appoġġata l-konklużjoni tal-Kummissjoni li, taħt iċ-ċirkostanzi preżenti u fil-perjodu qasir, m'għandha tkun prevista l-ebda proposta għal modifika tad-Direttiva.
13. Il-Kummissjoni bażikament tagħti żewġ raġunijiet b'appoġġ tal-konklużjoni. L-ewwel nett, il-potenzjal tad-Direttiva għadu ma kienx sfruttat kompletament. Fil-ġurisdizzjonijiet ta' l-Istati Membri għadu possibbli titjib konsiderevoli fl-implimentazzjoni tad-Direttiva. It-tieni, il-Kummissjoni tgħid li għalkemm id-Direttiva tħalli marġini ta' manuvra għall-Istati Membri, ma hemm l-ebda evidenza li diverġenzi fi ħdan dan il-marġini jikkawżaw problemi reali lis-suq intern.
14. Abbażi ta' dawn iż-żewġ raġunijiet, il-Kummissjoni tifformula l-konklużjoni tagħha bil-mod li ġej. Hija tispjega x'għandha tagħmel id-Direttiva, b'enfasi fuq l-iżgurar tal-fiducia, u mbagħad tgħid li d-Direttiva tistabbilixxi punt ta' referenza, hija teknoloġikament newtrali u tkompli tipprovdi risponsi solidi u adatti (?).
15. Il-KEPD jilqa' l-mod kif inhi fformulata din il-konklużjoni, iżda huwa ta' l-opinjoni li din il-konklużjoni tista' tkun imsaħħa ulterjorment billi tinbena fuq żewġ raġunijiet addizzjonali:
- L-ewwel nett, in-natura tad-Direttiva.
  - It-tieni, il-politika legiſlattiva ta' l-Unjoni.

##### In-natura tad-Direttiva

16. Id-dritt fundamentali tal-persuni fiżiċi għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom huwa rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni u huwa inter alia mniżżel fil-Konvenzjoni Nru 108 tal-Kunsill ta' l-Ewropa tat-28 ta' Jannar 1981 għall-Protezzjoni ta' l-Individwi fir-rigward ta' l-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data

Personali. Fl-essenza, id-Direttiva hija qafas li fih l-elementi prinċipali tal-protezzjoni ta' dan id-dritt fundamentali, billi tagħti sustanza u tamplifika d-drittijiet u l-libertajiet inklużi fil-Konvenzjoni (?).

17. Dritt fundamentali jimmira li jipproteġi liċ-ċittadin fiċ-ċirkostanzi kollha f'soċjetà demokratika. L-elementi prinċipali ta' tali dritt fundamentali m'għandhomx ikunu faċilment mibdula minħabba żviluppi fis-soċjeta jew minħabba preferenzi politiċi ta' gvernijiet li jkunu qed imexxu. Theddud għas-soċjeta minn organizzazzjoni terroristiċi jista', per eżempju, iwassal għal eżitu differenti f'każijiet speċifiċi minħabba li jistgħu jkunu meħtieġa interferenzi akbar fid-dritt fundamentali ta' persuna, iżda dan ma jista' qatt jaffettwa l-elementi essenzjali tad-dritt innifsu u lanqas ma jista' jċaħħad jew jirrestrinġi bla bżonn lil persuna privata fl-eżerċizzju tad-dritt.
18. It-tieni karatteristika tad-Direttiva hija li din tippredvi l-promozzjoni tal-fluss ħieles ta' informazzjoni fis-suq intern. Anki dan it-tieni objettiv jista' jiġi kkunsidrat bħala fundamentali, fsuq intern li qed dejjem aktar jiżviluppa mingħajr fruntieri interni. L-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet essenzjali tal-liġi nazzjonali hija waħda mill-istrumenti prinċipali sabiex ikunu żgurati l-istabbiliment u l-funzjonament ta' dan is-suq intern. Hija tagħti sustanza lill-fiducia reċiproka bejn l-Istati Membri fis-sistemi legali nazzjonali ta' xulxin. Huwa għal dawn ir-raġunijiet ukoll li t-tibdil għandu jiġi kkunsidrat sew. Jekk isir tibdil dan jista' jaffettwa l-fiducia reċiproka.
19. It-tielet karatteristika tad-Direttiva hija li din għandha tiġi kkunsidata bħala qafas ġenerali li fuqu jibnu strumenti legali speċifiċi. Dawn l-istrumenti speċifiċi jinkludu miżuri implimentattivi tal-qafas ġenerali kif ukoll oqfsa speċifiċi għal setturi speċifiċi. Id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, 2002/58/KE (?), hija qafas speċifiku tali. Fejn ikun possibbli, żviluppi li qed jinbidlu fis-soċjeta għandhom iwasslu għat-tibdil tal-miżuri implimentattivi jew ta' l-oqfsa legali speċifiċi, mhux tal-qafas ġenerali li jibnu fuqhom.

##### Il-politika legiſlattiva ta' l-Unjoni

20. Skond il-KEPD, il-konklużjoni li d-Direttiva ma tinbidilx issa hija wkoll konsegwenza loġika tal-prinċipji ġenerali ta' amministrazzjoni tajba u politika legiſlattiva. Proposti legiſlattivi — irrispettivament minn jekk jimplikawx oqfsa ġodda ta' azzjoni Komunitarja jew jemendawx arranġamenti legiſlattivi eżistenti — għandhom jiġu ppreżentati biss jekk in-neċessità u l-proporzjonalità jkunu murija b'mod suffiċjenti. M'għandha tiġi ppreżentata l-ebda proposta legiſlattiva jekk l-istess riżultat jista' jinkiseb bl-użu ta' għodod oħrajn inqas ambizzjużi.

(?) Premessa 11 tad-Direttiva.

(?) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar ta' data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika), ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.

21. Taħt iċ-ċirkostanzi attwali, in-neċessità u l-proporzjonalità ta' modifika tad-Direttiva ma għewx murija. Il-KEPD ifakkar li d-Direttiva tipprevedi qafas ġenerali għall-protezzjoni tad-data taħt id-dritt Komunitarju. Hija għandha minn naħa waħda tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' l-individwi, notevolment id-dritt tal-privatezza, fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-data personali u minn naħa oħra l-fluss ħieles ta' data personali fis-suq intern.
22. Dan il-qafas ġenerali m'għandux jiġi emendat sakemm ma jkunx ġie kompletament implimentat fl-Istati Membri, ħlief jekk ikun hemm indikazzjonijiet ċari li l-oġettivi tad-Direttiva ma setgħux jintlaħqu taħt il-qafas attwali. Fil-fehma tal-KEPD, il-Kummissjoni — taħt iċ-ċirkostanzi attwali — ssostanzjat adegwatament li l-potenzjal tad-Direttiva ma intużax kompletament (ara il-Kapitolu III ta' din l-opinjoni). Bl-istess mod, m'hemm l-ebda evidenza li l-oġettivi ma jistgħux jintlaħqu taħt il-qafas attwali.
- B. Fil-perijodu itwal jidher li t-tibdil ma jistax jiġi evitat**
23. Għandu jiġi żgurat ukoll fil-futur li l-prinċipji ta' protezzjoni tad-data joffru protezzjoni effettiva lill-persuni fiżiċi, filwaqt li ma jintesiex il-kuntest dinamiku li fih topera d-Direttiva (ara l-punt 5 ta' din l-opinjoni) u l-perspettivi tal-punt 6 ta' din l-opinjoni: titjib ta' l-implimentazzjoni, interazzjoni mat-teknoloġija, privatezza fuq il-livell globali u ġurisdizzjoni, protezzjoni tad-data u infurzar tal-liġi, u Trattat ta' Riforma. Dan il-bżonn għal applikazzjoni sħiħa tal-prinċipji ta' protezzjoni tad-data jistabbilixxi l-istandards għal tibdil futur tad-Direttiva. Il-KEPD ifakkar għal darb'oħra li fil-perijodu itwal tibdil tad-Direttiva jidher li ma jistax jiġi evitat.
24. Sa fejn għandha x'taqsam is-sustanza ta' kwalunkwe miżura futura, il-KEPD diġà jipprovi f'dan l-istadju xi elementi li huwa jikkunsidra essenzjali fi kwalunkwe sistema futura għall-protezzjoni tad-data fl-Unjoni Ewropea. Dawn l-elementi jinkludu:
- M'hemm l-ebda bżonn għal prinċipji ġodda, iżda hemm hteġġa ċara għal arranġamenti amministrattivi oħrajn, li huma minn naħa waħda effettivi u adatti għal soċjetà f'network flimkien u minn naħa oħra jimminimizzaw l-ispejjeż amministrattivi.
  - Il-kamp ta' applikazzjoni wiesja' tal-liġi tal-protezzjoni tad-data m'għandux jinbidel. Għandu japplika għall-użu kollu tad-data personali u m'għandux ikun limitat għal data sensitiva jew riskji speċjali. Fi kliem ieħor, il-KEPD jirrifjuta approċċ 'de minimis' safejn għandu x'jaqsam il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tad-data. Dan jiżgura li s-suġġetti tad-data jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fis-sitwazzjonijiet kollha.
  - Il-liġi tal-protezzjoni tad-data għandha tkompli tkopri varjetà wiesgħa ta' sitwazzjonijiet, iżda fl-istess ħin tippermetti approċċ bilanċjat f'każijiet konkreti, b'kont meħud ta' interessi (pubbliċi jew privati) ġustifikati oħrajn, kif ukoll il-hteġġa għal minimu ta' konswegwenzi burokratiċi. Din is-sistema għandha tippermetti wkoll il-possibbiltà li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data jistabbilixxu prijoritajiet u jikkonċentraw fuq oqsma jew kwistjonijiet ta' importanza speċjali jew li jkunu jippreżentaw riskji speċifiċi.
  - Is-sistema għandha tapplika bis-sħiħ għall-użu tad-data personali għal finijiet ta' infurzar tal-liġi, għalkemm miżuri addizzjonali adatti jistgħu jkunu neċessarji sabiex jiġu ttrattati problemi speċjali f'dan il-qasam.
  - Għandhom isiru arranġamenti adatti għall-fluss ta' data ma' pajjiżi terzi, safejn hu fattibbli abbażi ta' standards globali għall-protezzjoni tad-data.
25. Il-Komunikazzjoni ssemmi — fir-rigward ta' l-isfidi ta' teknoloġiji ġodda — ir-reviżjoni li għaddejja tad-Direttiva 2002/58/KE u l-hteġġa possibbli għal regoli aktar speċifiċi sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data li jirriżultaw minħabba teknoloġiji ġodda bħall-Internet u l-RFID <sup>(10)</sup>. Il-KEPD jilqa' din ir-reviżjoni u azzjonijiet ulterjuri, għalkemm skond il-KEPD dawn m'għandhomx ikunu relatati biss ma' żviluppi teknoloġiċi, iżda għandhom jieħdu kont tal-kuntest dinamiku fl-intier tiegħu u f'perspettiva għal perijodu fit-tul jinvolvu wkoll id-Direttiva 95/46/KE. Barra minn hekk, hija meħtieġa attenzjoni akbar f'dan il-kuntest. Sfortunatament, il-Komunikazzjoni hi nieqsa minn preċiżjoni:
- M'hemm l-ebda pjan bid-dati għat-tweġġiq ta' l-attivitajiet differenti msemmija fil-Kapitolu 3 tal-Komunikazzjoni.
  - M'hemm l-ebda skadenza għal rapport sussegwenti dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva. L-Artikolu 33 tad-Direttiva jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta 'f'intervalli regolari' iżda lanqas ma jispeċifika dawn l-intervalli.
  - M'hemm l-ebda termini ta' referenza: il-Komunikazzjoni ma tagħtix lok għat-tweġġiq ta' l-attivitajiet previsti li jiġu mkejla. Hija sempliċment tirreferi għall-Programm ta' Ħidma mressaq fl-2003.
  - M'hemm l-ebda indikazzjoni dwar il-mod kif wieħed għandu jipproċedi fil-perijodu itwal.
- Il-KEPD jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tispeċifika dawn l-elementi.

<sup>(10)</sup> P. 11 tal-Komunikazzjoni.

## V. PERSPETTIVI GĦAL BIDLA FUTURA

### A. Implimentazzjoni sħiħa

26. Kwalunkwe bidla futura għandha tkun preċeduta mill-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet preżenti tad-Direttiva. L-implimentazzjoni sħiħa tibda b'konformità mar-rekwiżiti legali tad-Direttiva. Il-Komunikazzjoni ssemmi <sup>(11)</sup> li xi Stati Membri naqsu milli jinkorporaw numru ta' dispożizzjonijiet importanti tad-Direttiva u f'dan ir-rigward tiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għad-dispożizzjonijiet għall-indipendenza ta' l-awtoritajiet ta' sorveljanza. Huwa l-kompitu tal-Kummissjoni li timmonitorja l-konformità u fejn tqis li jkun il-każ tuża s-setgħat tagħha skond l-Artikolu 226 KE.
27. Il-Komunikazzjoni tipprevedi komunikazzjoni interpretattiva dwar xi dispożizzjonijiet, b'mod partikolari dawk id-dispożizzjonijiet li jistgħu jwasslu għal proċeduri ta' ksur formali skond l-Artikolu 226 KE.
28. Barra minn hekk, id-Direttiva tintroduċi mekkaniżmi oħrajn għat-titjib ta' l-implimentazzjoni. B'mod partikolari, il-kompiti tal-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29, elenkati fl-Artikolu 30 tad-Direttiva, huma mfassla għal dan il-għan. L-għan tagħhom huwa li jstimulaw l-implimentazzjoni fl-Istati Membri, fuq livell għoli u armonizzat, tal-protezzjoni tad-data lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ biex ikunu sodisfatti l-obbligi tad-Direttiva. Matul is-snin, fl-eżerċizzju ta' dan ir-rwol, il-Grupp ta' Ħidma pproduċa numru kbir ta' opinjonijiet u ta' dokumenti oħrajn.
29. Fil-fehma tal-KEPD, l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva tinkludi dawn iż-żewġ elementi:
- Għandu jkun żgurat li l-Istati Membri jikkonformaw bis-sħiħ ma' l-obbligi tagħhom skond id-dritt Ewropew. Dan ifisser li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom ikunu trasposti fil-liġi nazjonali u barra minn hekk fil-prattika r-riżultati li għandhom jinkisbu mid-Direttiva jridu jintlaħqu.
  - Għodod mhux vinkolanti oħrajn li jistgħu jkunu strumentali għal livell għoli u armonizzat ta' protezzjoni tad-data għandhom jintużaw bis-sħiħ.
- Il-KEPD jenfasizza li minħabba l-konsegwenzi legali differenti għandha ssir distinzjoni ċara bejn iż-żewġ elementi kif ukoll bejn ir-responsabbiltajiet relatati. Bħala regola: il-Kummissjoni għandha terfa' responsabbiltà sħiħa għall-ewwel element, filwaqt li l-Grupp ta' Ħidma għandu jkun l-attur primarju fejn għandu x'jaqsam it-tieni element.
30. Distinzjoni aktar preċiża oħra li għandha ssir hija relatata ma' l-għodod disponibbli sabiex tinkiseb implimentazzjoni aħjar tad-Direttiva. Dawn jinkludu:

- Miżuri implimentattivi. Dawk il-miżuri — meħuda mill-Kummissjoni permezz tal-proċedura ta' komitoloġija —

huma previsti fil-Kapitolu IV, dwar it-trasferiment ta' data personali lil pajjiżi terzi (ara l-Artikolu 25 (6) u 26 (3)).

- Leġislażzjoni settorjali.
- Proċeduri ta' ksur taħt 226 KE.
- Komunikazzjonijiet interpretattivi. Tali komunikazzjonijiet jistgħu jiffukaw fuq dispożizzjonijiet li jistgħu jwasslu għal proċeduri ta' ksur u/jew li prinċipalment huma maħsuba li jintużaw bħala linja gwida għall-protezzjoni tad-data fil-prattika (ara wkoll il-punti 57-62) <sup>(12)</sup>.
- Komunikazzjonijiet oħrajn. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament u l-Kunsill dwar Teknoloġiji li Jtejbju l-Privatezza tista' tittieħed bħala eżempju.
- Promozzjoni ta' l-aħjar Prattiki. Din l-għodda tista' tintuża għal firxa ta' suġġetti, bħas-simplifikazzjoni amministrattiva, verifiki, infurzar u sanzjonijiet, eċċ (ara wkoll il-punti 63-67).

31. Il-KEPD jissuġġerixxi lill-Kummissjoni tindika biċ-ċar kif ser tuża dawn l-għodod differenti meta telabora l-linji politiċi tagħha abbażi tal-Komunikazzjoni preżenti. F'dak il-kontest il-Kummissjoni għandha wkoll tidistingwi b'mod ċar ir-responsabbiltajiet proprji tagħha u r-responsabbiltajiet tal-Grupp ta' Ħidma. Barra minn hekk, huwa ovvju li f'kull ċirkostanza kooperazzjoni tajba bejn il-Kummissjoni u l-Grupp ta' Ħidma hija kondizzjoni għal suċċess.

### B. Interazzjoni mat-teknoloġija

32. Punt ta' tluq huwa li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva huma fformulati b'mod teknoloġikament newtrali. Il-Komunikazzjoni torbot l-enfasi fuq in-newtralità teknoloġika ma' numru ta' żviluppi teknoloġiċi, bħall-Internet, l-aċċess għal servizzi provduti f'pajjiżi terzi, l-RFID u t-taħlita ta' data tal-ħoss u ta' l-immagna b'rikonossiment awtomatiku. Hi tid-distintiva żewġ tipi ta' azzjonijiet. L-ewwel nett, gwida speċifika fir-rigward ta' l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' protezzjoni tad-data f'ambjent li qed teknoloġikament jinbidel bi rwol importanti tal-Grupp ta' Ħidma u t-Task Force ta' l-Internet tiegħu <sup>(13)</sup>. It-tieni, tista' tkun proposta mill-Kummissjoni nnifisha leġislażzjoni speċifika għas-settur.
33. Il-KEPD jilqa' dan l-approċċ bħala pass importanti tal-bidu. Fil-perijodu itwal, madankollu, passi oħrajn, aktar fundamentali, jistgħu jkunu meħtieġa. L-okkażjoni ta' din il-Komunikazzjoni tista' tintuża bħala l-bidu ta' tali approċċ għall-perijodu fit-tul. Il-KEPD jissuġġerixxi li, bħala segwitu ta' din il-Komunikazzjoni, tinbeda d-diskussjoni dwar dan l-approċċ. Bħala elementi possibbli ta' approċċ tali, jistgħu jissemmew il-punti li ġejjin.

<sup>(12)</sup> Ara, per eżempju l-Opinjoni Nru 4/2007 dwar il-kunċett ta' data personali (GH 137) tal-Grupp ta' Ħidma, adottat fl-20 ta' Ġunju 2007.

<sup>(13)</sup> It-Task Force ta' l-Internet huwa sottogrupp tal-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29.

<sup>(11)</sup> P. 6 tal-Komunikazzjoni, eżatt qabel il-paragrafu finali.

34. L-ewwel, l-interazzjoni mat-teknoloġiji taħdem b'żewġ modi. Minn naħa waħda, teknoloġiji li qed jiżviluppaw ġodda jistgħu jitolbu modifiki tal-qafas legali għall-protezzjoni tad-data. Minn naħa oħra, il-ħtieġa għal protezzjoni effettiva tad-data personali ta' l-individwi tista' tirrikjedi limitazzjonijiet ġodda jew salvagwardji adatti fuq l-użu ta' ċerti teknoloġiji, konsegwenza li tmur saħanistra aktar il-bogħod. Madankollu, teknoloġiji ġodda jistgħu wkoll jintużaw b'mod effettiv u jsir affidament fuqhom b'mod li tittejjeb il-privatezza.
35. It-tieni, xi limiti speċifiċi jistgħu jkunu meħtieġa jekk jintużaw teknoloġiji ġodda minn istituzzjonijiet governattivi fl-eżerċizzju tal-kompiti pubbliċi tagħhom. Id-diskussjonijiet dwar l-interoperabbiltà u l-aċċess li qed isiru fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-Programm ta' l-Aja, huma eżempju tajjeb <sup>(14)</sup>.
36. It-tielet, hemm tendenza lejn użu ferm aktar wiesa' tal-materjal bijometriku, bħal — iżda mhux biss — materjal tad-DNA. L-isfidi speċifiċi ta' l-użu ta' data personali estratta minn dan il-materjal jista' jkollhom konsegwenzi għal-liġijiet tal-protezzjoni tad-data.
37. Ir-raba', irid jiġi rikonoxxut li s-soċjetà nnifisha qed tinbidel u qed tieħu aktar u aktar elementi ta' soċjetà ta' sorveljanza <sup>(15)</sup>. Dibattitu fundamentali huwa meħtieġ dwar dan l-iżvilupp. F'dan id-dibattitu l-kwistjonijiet ċentrali jkunu jekk dan l-iżvilupp jistax jiġi evitat, jekk hux il-kompitu tal-leġislatur Ewropew li jindaħal f'dan l-iżvilupp u li jimponi limiti fuq dan l-iżvilupp, jekk u kif il-leġislatur Ewropew jista' jieħu miżuri effettivi, eċċ.
39. Il-KEPD jiddispijaċih li din il-perspettiva ma nġhatatx rwol aktar prominenti fil-Komunikazzjoni.
40. Preżentament, il-Kapitolu IV tad-Direttiva (l-Artikoli 25 u 26) jintroduċi reġim speċjali għat-trasferiment ta' data lejn pajjiżi terzi, minbarra r-regoli ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data. Dan ir-reġim speċjali ġie elaborat matul is-snin, bl-intenzjoni li jinstab bilanċ ġust bejn il-protezzjoni ta' l-individwi li d-data tagħhom tkun trid tiġi trasferita lejn pajjiżi terzi ma', inter alia, l-imperattivi tal-kummerċ internazzjonali u r-realtà tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni globali. Il-Kummissjoni u l-Grupp ta' Ħidma <sup>(16)</sup>, iżda anki per eżempju l-Kamra tal-Kummerċ Internazzjonali, investew ħafna enerġija biex jaraw is-sistema taħdem, permezz ta' sejbiet ta' adegwatezza, klawżoli kuntrattwali standard, regoli korporattivi vinkolanti, eċċ.
41. Għall-applikabbiltà tas-sistema għall-Internet, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'*Lindqvist* <sup>(17)</sup> kienet ta' importanza speċifika. Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni lejn in-natura ubikwitarja li għandha l-informazzjoni fuq l-Internet u tiddeċiedi li t-tqegħid tad-data fuq paġna ta' l-internet bħala tali, anki jekk dik id-data b'dak il-mod issir aċċessibbli għal persuni f'pajjiżi terzi li għandhom il-mezzi tekniċi biex jaċċedu għaliha, ma jikkwalifikax bħala trasferiment lejn pajjiżi terzi.
42. Din is-sistema, konsegwenza loġika u neċessarja tal-limitazzjonijiet territorjali ta' l-Unjoni Ewropea, ma tipprovdi protezzjoni sħiħa lis-suġġett Ewropew tad-data f'soċjetà li tinsab f'network flimkien u fejn il-fruntieri fiżiċi jittilfu l-importanza tagħhom (ara l-eżempji msemmija fil-punt 6 ta' din l-opinjoni): l-informazzjoni fuq l-Internet għandha natura ubikwitarja, iżda l-ġurisdizzjoni tal-leġislatur Ewropew mhix waħda ubikwitarja.
43. L-isfida ser tkun li jinstabu soluzzjonijiet prattiċi li jirrikonċiljaw il-ħtieġa għall-protezzjoni tas-suġġetti tad-data Ewropej mal-limitazzjonijiet territorjali ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Il-KEPD — fil-kummenti tiegħu dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija dwar id-Dimensjoni Esterna taż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja — diġà ħeġġeġ lill-Kummissjoni tiegħu rwol proattiv fil-promozzjoni tal-protezzjoni tad-data personali fil-livell internazzjonali, billi tappoġġa approċċi bilaterali u multilaterali ma' pajjiżi terzi u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn <sup>(18)</sup>.

### C. Privatezza fuq il-livell globali u ġurisdizzjoni

38. Il-perspettiva ta' privatezza fuq il-livell globali u ġurisdizzjoni għandha rwol limitat fil-Komunikazzjoni. L-unika intenzjoni f'dan il-kuntest hija li l-Kummissjoni ser tkompli timmonitorja u tikkontribwixxi f'forums internazzjonali, sabiex tiżgura l-koerenza ta' l-impenji ta' l-Istati Membri ma' l-obbligi tagħhom taħt id-Direttiva. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tenumera numru ta' attivitajiet imwettqa għas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti għal trasferimenti internazzjonali (ara l-Kapitolu III ta' din l-opinjoni).

<sup>(14)</sup> Ara, per eżempju, il-Kummenti dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-interoperabbiltà tad-databases Ewropej, 10 ta' Marzu 2006, ippubblikati fuq il-websajt tal-KEPD.

<sup>(15)</sup> Ara: "Ir-Rapport dwar is-Soċjetà ta' Sorveljanza", imħejji min-Netzwerk dwar l-Istudji ta' Sorveljanza għall-Kummissarju ta' l-Infommazzjoni tar-Renju Unit, u ppreżentat fit-28 Konferenza Internazzjonali tal-Kummissarji tal-Protezzjoni tad-Data u l-Privatezza f'Londra fit-2-3 ta' Novembru 2006 (ara: [www.privacyconference2006.co.uk](http://www.privacyconference2006.co.uk) (Dokumenti tat-taqsim)).

<sup>(16)</sup> Ara, per eżempju, id-Dokument ta' Ħidma dwar l-Interpretazzjoni Komuni ta' l-Artikolu 26(1) tad-Direttiva 95/46/KE ta' l-24 ta' Ottubru 1995, adottat fil-25 ta' Novembru 2005 (GH114); id-Dokument ta' Ħidma li jstabilixxi Proċedura ta' Kooperazzjoni għall-Ħruġ ta' Opinjonijiet Komuni dwar is-Salvagwardji Adegwati li Jirriżultaw minn "Regoli Korporattivi Vinkolanti", adottat fl-14 ta' April 2005 (GH107), u l-Opinjoni 8/2003 dwar l-abbozz ta' klawżoli kuntrattwali standard ippreżentat minn grupp ta' assoċjazzjonijiet tan-negozju ("ilkuntratt mudell alternattiv"), adottata fis-17 ta' Diċembru 2003 (GH84).

<sup>(17)</sup> Sentenza tal-Qorti tas-6 ta' Novembru 2003, Każ C-101/01, Ġabra [2003], p.I-12971, punti 56-71.

<sup>(18)</sup> Ara l-Ittra lid-Direttur Ġenerali tad-dipartiment tal-Ġustizzja, Libertà u Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Komunikazzjoni dwar "Strateġija dwar id-Dimensjoni Esterna taż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja", 28 ta' Novembru 2005, disponibbli fuq il-websajt tal-KEPD.

44. Tali soluzzjonijiet prattiċi jinkludu:

- l-iżvilupp ulterjuri ta' Qafas Globali għall-protezzjoni tad-data. Standards aċċettati b'mod aktar ġenerali bħall-linji gwida ta' l-OECD għall-protezzjoni tad-data (1980) u l-Linji Gwida tan-NU jistgħu jintużaw bħala bażi,
- l-iżvilupp ulterjuri tar-reġim speċjali għat-trasferiment ta' data lejn pajjiżi terzi,
- kif inkluż fil-Kapitolu IV tad-Direttiva (l-Artikoli 25 u 26) il-ftehim internazzjonali dwar il-ġurisdizzjoni, jew ftehim simili ma' pajjiżi terzi.
- l-investiment fmekkanizmi għal konformità globali, bħall-użu ta' regoli korporattivi vinkolanti minn kumpanniji multinazzjonali, irrispettivament minn fejn jipproċessaw id-data personali.

45. L-ebda waħda minn dawn is-soluzzjonijiet mhi ġdida. Madankollu, hija meħtieġa viżjoni dwar kif għandhom effettivament jintużaw dawn il-metodi bl-aktar mod effettiv u kif jiġi żgurat li l-istandards ta' protezzjoni tad-data — li fl-Unjoni Ewropea huma kwalifikati bħala drittijiet fundamentali — ikunu effettivi wkoll f'soċjetà globali f'network flimkien. Il-KEPD jistieden lill-Kummissjoni tibda tiżviluppa tali viżjoni, flimkien ma' l-aktar partijiet interessati rilevanti.

#### D. Infurzar tal-liġi

46. Il-Komunikazzjoni tagħti attenzjoni estensiva lir-rekwiżiti imposti mill-interessi pubbliċi, speċjalment għas-sigurtà. Tispjega l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva u l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja lil din id-dispożizzjoni fis-Sentenza PNR <sup>(19)</sup>, kif ukoll l-Artikolu 13 tad-Direttiva, inter alia relatat mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Komunikazzjoni barra minn hekk tenfasizza li meta l-Kummissjoni ssib bilanċ bejn miżuri biex tkun żgurata s-sigurtà u d-drittijiet fundamentali non negoziabbli, hija tiżgura li d-data personali tkun protetta kif garantit mill-Artikolu 8 QEDB. Dan il-punt ta' tluq japplika wkoll għad-djalogu transatlantiku ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

47. Skond il-KEPD, huwa importanti li l-Kummissjoni ttenni b'tali mod ċar l-obbligi ta' l-Unjoni taħt l-Artikolu 6 TUE li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali, kif garantit mill-QEDB. Din id-dikjarazzjoni hija saħansitra aktar importanti issa li l-Kunsill Ewropew iddeċieda li, taħt it-*Trattat ta' Riforma*, il-Karta tad-drittijiet fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea għandu jkollha valur legalment vinkolanti.

<sup>(19)</sup> Sentenza tal-Qorti tat-30 ta' Mejju 2006, il-Parlament Ewropew v il-Kunsill (C-317/04) u l-Kummissjoni (C-318/04), Każijiet konġunti C-317/04 u C-318/04, Ġabra [2006], p. I-4721.

L-Artikolu 8 tal-Karta jispeċifika d-dritt ta' kulħadd għall-protezzjoni tad-data personali li tikkonċerna lilu jew lilha.

48. Huwa fatt magħruf li l-perssonijiet ta' l-infurzar tal-liġi biex data personali tintuża dejjem aktar fil-ġlieda kontra l-kriminalità — biex ma nsemmux il-ġlieda kontra t-terroriżmu — iġibu magħhom ir-riskju li jitbaxxa l-livell tal-protezzjoni taċ-ċittadin, saħansitra taħt livell garantit mill-Artikolu 8 QEDB u/jew il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa Nru 108 <sup>(20)</sup>. Dawn il-preokkupazzjonijiet kienu element prinċipali tat-tielet opinjoni tal-KEPD dwar il-Proposta għal Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali, maħruġa fis-27 ta' April 2007.

49. F'dan il-kuntest huwa essenzjali li l-istandard ta' protezzjoni previst mid-Direttiva jittieħed bħala bażi għall-protezzjoni taċ-ċittadin, anki fir-rigward tal-perssonijiet ta' l-infurzar tal-liġi. Il-QEDB u l-Konvenzjoni 108 jipprevedu livell minimali ta' protezzjoni, iżda ma jipprevedux il-preċiżjoni neċessarja. Barra minn hekk, kienu meħtieġa miżuri addizzjonali biex tkun prevista protezzjoni adatta għaċ-ċittadin. Dan il-bżonn kien wieħed mill-fatturi li wasslu għall-adozzjoni fl-1995 tad-Direttiva <sup>(21)</sup>.

50. Huwa ugwalment essenzjali li dan l-istandard ta' protezzjoni jkun effettivament garantit f'kull sitwazzjoni fejn id-data personali tkun ipproċessata għal finijiet ta' infurzar tal-liġi. Għalkemm din il-komunikazzjoni ma tittrattax ma' l-ipproċessar tad-data fit-tielet pilastru, hija ġustament tindirizza s-sitwazzjoni fejn data miġbura (u pproċessata) għal finijiet kummerċjali tintuża għal finijiet ta' infurzar tal-liġi. Sitwazzjoni li qed issir aktar normali peress li l-ħidma tal-pulizija qed isserraħ dejjem aktar fuq id-disponibbiltà ta' l-informazzjoni li tkun fil-pussess ta' partijiet terzi. Id-Direttiva 2006/24/KE <sup>(22)</sup> tista' tkun ikkunsidrata bħala l-aħjar illustrazzjoni ta' din it-tendenza: din id-Direttiva tobbliga lill-fornituri ta' komunikazzjoni elettronika jaħżnu (għal aktar fit-tul) data li jkunu ġabru (u ħażnu) għal finijiet kummerċjali, għal finijiet ta' infurzar tal-liġi. Skond il-KEPD, għandu jkun żgurat bis-sħiħ li data personali miġbura u pproċessata fl-ambitu ta' applikazzjoni tad-Direttiva tkun protetta sew meta tintuża għal finijiet ta' interess pubbliku, u b'mod partikolari għas-sigurtà jew għall-ġlieda kontra t-terroriżmu. F'xi każijiet madankollu, il-finijiet imsemmija l-aħjar jistgħu jaqgħu lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

<sup>(20)</sup> Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' l-Individwi fir-rigward ta' l-Ipproċessar Awtomatiku tad-Data Personali tal-Kunsill ta' l-Ewropa, 28 ta' Jannar 1981.

<sup>(21)</sup> In-nuqqas ta' preċiżjoni tal-Konvenzjoni Nru 108 kien imsemmi mill-KEPD f'numru ta' opinjonijiet, fir-rigward tal-ħtieġa għal Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill.

<sup>(22)</sup> Id-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' data ġġenerata jew ipproċessata in konnessjoni mal-provvediment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli ta' networks ta' komunikazzjonijiet pubbliċi u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE, ĠUL 105, 13.4.2006, p. 54.

51. Dawn l-osservazzjonijiet iwasslu għas-suġġerimenti li ġejjin lill-Kummissjoni:

- Hija meħtieġa riflessjoni ulterjuri dwar l-implikazzjonijiet għall-protezzjoni tad-data ta' l-involvement ta' kumpanniji privati fattivitajiet ta' infurzar tal-liġi, bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-prinċipji tad-Direttiva 95/46/KE jkunu kompletament applikabbli għal dawn is-sitwazzjonijiet u li l-ebda lakuna ma taffettwa d-dritt fundamentali taċ-ċittadini għall-protezzjoni tad-data. B'mod partikolari, għandu jkun żgurat li d-data personali miġbura fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tkun protetta sew u b'mod konsistenti anki meta tkun ipproċessata ulterjorment għal interessi pubbliċi, kemm jekk fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva kif ukoll jekk lil hinn minnu.
- Din ir-riflessjoni għandha tinkludi fi kwalunkwe każ in-nuqqasijiet tal-qafas legali preżenti fejn ix-xifer tad-diviżjoni bejn l-ewwel u t-tielet pilastru mhux ċar u fejn jista' saħansitra jkun hemm sitwazzjonijiet fejn ma jkun hemm l-ebda bażi adatta għal strument legali għall-protezzjoni tad-data <sup>(23)</sup>.
- L-Artikolu 13 tad-Direttiva, li jagħti lok għal eżenzjonijiet u restrizzjonijiet għall-prinċipji ta' protezzjoni tad-data meta dawn ikunu neċessarji inter alia għal interessi pubbliċi, għandu jinftehem b'mod li jiġi ppreżervat l-*effet utile* tiegħu bħala interface u garanzija kruċjali għad-data personali miġbura fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, u f'konformità mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'*Österreichischer Rundfunk* <sup>(24)</sup> u l-*ġurisprudenza* tal-QEDB.
- Il-possibbiltà li tkun proposta leġislazzjoni li timmira lejn l-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet u s-salvagwardji biex jintużaw l-eżenzjonijiet ta' l-Artikolu 13 għandha tkun ikkunsidrata.

#### E. Is-sitwazzjoni possibbli taht it-Trattat ta' Riforma

52. Fil-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni ssemmi l-impatt — enormi — tat-Trattat Kostituzzjonali fuq il-qasam tal-protezzjoni tad-data. Fil-fatt, it-Trattat — li issa huwa t-Trattat ta' Riforma — ser ikun ta' importanza kruċjali f'dan il-qasam. It-Trattat ser ikun it-tmiem ta' l-istruttura tal-pilastru, id-dispożizzjoni dwar il-protezzjoni tad-data (attwalment l-Artikolu 286 KE) ser tkun iċċarata u l-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni, li fl-Artikolu 8 tagħha tinkludi dispożizzjoni dwar il-protezzjoni tad-data, ser issir strument vinkolanti.
53. Il-mandat għall-Konferenza Intergovernattiva (IGC) jagħti attenzjoni speċifika lill-protezzjoni tad-data. Il-punt 19 (f) bażikament jgħid tliet affarijiet. L-ewwel nett, ir-regoli ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data ser ikunu mingħajr ħsara għar-regoli speċifiċi adottati fit-Titolu PESK (dak li attwalment hu t-tieni pilastru); it-tieni, ser tkun adottata dikjarazzjoni

dwar il-protezzjoni tad-data fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik għudizzjarja f'materji kriminali (dak li attwalment hu t-tielet pilastru) u t-tielet, ser ikunu adottati iskrizzjonijiet speċifiċi fil-Protokollu rilevanti dwar il-pożizzjoni ta' Stati Membri individwali (dan l-element huwa prinċipalment relatat mal-pożizzjoni speċifika tar-Renju Unit fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik għudizzjarja f'materji kriminali).

54. Huwa t-tieni element (id-dikjarazzjoni) li ser ikun jeħtieġ kjarifika fl-IGC. Il-konsegwenzi tat-tmiem ta' l-istruttura tal-pilastru u l-applikabbiltà possibbli tad-Direttiva għall-kooperazzjoni tal-pulizija u dik għudizzjarja f'materji kriminali għandhom jiġu kkunsidrati kif dovut, sabiex tkun żgurata l-aktar applikazzjoni wiesgħa possibbli tal-prinċipji ta' protezzjoni tad-data li jinsabu fid-Direttiva. Dan mhux il-post biex jingħataw aktar dettalji dwar din il-kwistjoni. Il-KEPD ippreżenta suġġerimenti għad-dikjarazzjoni fittra lill-Presidenza ta' l-IGC <sup>(25)</sup>.

## VI. STRUMENTI GĦAL IMPLIMENTAZZJONI AĦJAR

### A. Ġenerali

55. Il-Komunikazzjoni tirreferi għal serje ta' għodod u azzjonijiet li jistgħu jintużaw għal implimentazzjoni aħjar tad-Direttiva fil-futur. Il-KEPD jixtieq jikkummenta dwarhom, filwaqt li jesplora wkoll strumenti addizzjonali oħrajn mhux imsemmija fil-Komunikazzjoni.

### B. Leġislazzjoni settorjali

56. F'ċerti każijiet tista' tkun meħtieġa azzjoni leġislattiva speċifika fil-livell ta' l-UE. B'mod partikolari, jista' jirriżulta li l-leġislazzjoni settorjali hija neċessarja sabiex il-prinċipji tad-Direttiva jiġu adattati għal kwistjonijiet imqajma minn xi teknoloġiji, kif kien il-każ tad-direttivi dwar il-privatezza fis-settur tat-telekomunikazzjoni. L-użu ta' leġislazzjoni speċifika għandu jkun ikkunsidrat b'kura f'oqsma bħall-użu tat-teknoloġiji RFID.

### Ċ. Proċeduri ta' ksur

57. L-aktar strument b'saħħtu msemmi fil-Komunikazzjoni huwa l-proċedura ta' ksur. Il-Komunikazzjoni tidentifika qasam speċifiku wieħed ta' tħassib, notevolment l-indipendenza ta' l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data u s-setgħat tagħhom, u ssemmi oqsma oħrajn f'termini ġenerali biss. Il-KEPD jikkondividi l-fehma li l-proċeduri ta' ksur huma strument essenzjali u li ma jistax jiġi evitat, jekk l-Istati Membri ma jipprevedux l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva, speċjalment b'kont meħud tal-fatt li għaddew kważi disa' snin mill-iskadenza għall-implimentazzjoni tad-Direttiva u li d-djalogu strutturat imniżżel fil-Programm ta' Ħidma diġà seħħ. Madankollu, sal-lum, għadu ma tressaq l-ebda każ ta' ksur tad-Direttiva 95/46 quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

<sup>(23)</sup> Il-kwistjoni ta' 'lakuna ġuridika', kif espress mill-KEPD f'diversi okkażjonijiet, prinċipalment fir-rigward tas-Sentenza PNR (ara, għal informazzjoni, ir-rapport annwali ta' l-2006, p. 47).

<sup>(24)</sup> Sentenza tal-Qorti ta' l-20 ta' Mejju 2003, Każijiet konġunti C-465/00, C-138/01 u C-139/01, Ġabra [2003] p. I-4989.

<sup>(25)</sup> Ara l-ittra tal-KEPD tat-23 ta' Lulju 2007 lill-presidenza ta' l-IGC dwar il-protezzjoni tad-data taħt it-Trattat ta' Riforma, disponibbli fuq il-websajt tal-KEPD.



58. Analiżi komparattiva tal-każijiet kollha fejn hija suspettata traspożizzjoni ħażina jew mhux kompluta <sup>(26)</sup>, kif ukoll komunikazzjoni interpretattiva jistgħu ċertament itejbu l-koerenza tar-rwol tal-Kummissjoni bħala l-gwardjan tat-Trattati. Madankollu, it-thejjja ta' dawn l-istrumenti, li tista' tirrikjedi ċertu ammont ta' ħin u sforz, m'għandhiex titardja l-proċeduri ta' ksur f'dawk l-oqsma fejn il-Kummissjoni tkun diġà identifikat b'mod ċar traspożizzjoni jew praktika inkorretta.

59. Għalhekk, il-KEPD ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tfttex implimentazzjoni aħjar tad-Direttiva permezz ta' proċeduri ta' ksur, fejn meħtieġ. F'dan il-kuntest, il-KEPD ser juża s-setgħat tiegħu ta' intervent quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jintervjeni, fejn ikun il-każ, fi proċeduri ta' ksur relatati ma' l-implimentazzjoni tad-Direttiva 95/46 jew ma' strumenti legali oħrajn fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali.

#### D. Komunikazzjoni interpretattiva

60. Il-Komunikazzjoni tirreferi wkoll għal komunikazzjoni interpretattiva dwar xi dispożizzjonijiet li fiha l-Kummissjoni ser tiċċara l-intendiment tagħha tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, li l-implimentazzjoni tagħha tinstab li hija problematika u tista' għalhekk twassal għal proċeduri ta' ksur. Il-KEPD jilqa' li f'dan il-kuntest il-Komunikazzjoni ser tieħu kont tal-ħidma dwar l-interpretazzjoni mwettqa mill-Grupp ta' Ħidma. Fil-fatt, huwa essenzjali li jittieħed kont kif dovut tal-pożizzjoni tal-Grupp ta' Ħidma fl-abbozzar tal-komunikazzjoni interpretattiva li ġejja u li l-Grupp ta' Ħidma jkun ikkonsultat sew, bil-ħsieb li fl-applikazzjoni tad-Direttiva fil-livell nazzjonali tintuża l-esperjenza tiegħu.

61. Barra minn hekk, il-KEPD jikkonferma d-disponibbiltà tiegħu li joffri konsulenza lill-Kummissjoni fil-kwistjonijiet kollha relatati mal-protezzjoni tad-data personali. Dan japplika wkoll għal dawk l-istrumenti, bħall-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni, li mhumiex vinkolanti iżda li xorta waħda huma mmirati lejn id-definizzjoni tal-politika tal-Kummissjoni fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali. Fil-każ ta' komunikazzjonijiet, biex dan ir-rwol konsultattiv ikun effettiv, il-konsultazzjoni tal-KEPD għandha ssir qabel ma tiġi adottata l-komunikazzjoni interpretattiva <sup>(27)</sup>. Ir-rwol konsultattiv kemm tal-GH29 kif ukoll tal-KEPD ser jipprovdi valur miżjud lil din il-komunikazzjoni, filwaqt li tinżamm l-indipendenza tal-Kummissjoni li tiddeċiedi b'mod awtonomu dwar il-ftuħ formali ta' proċeduri ta' ksur relatati ma' l-implimentazzjoni tad-Direttiva.

62. Il-KEPD jilqa' li l-komunikazzjoni ser ikollha x'taqsam biss ma' numru limitat ta' Artikoli, u b'dan il-mod jitħalla lok biex tingħata attenzjoni lil kwistjonijiet aktar sensittivi. F'din il-perspettiva, il-KEPD jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-kwistjonijiet li ġejjin, li jixraqilhom attenzjoni speċjali fil-komunikazzjoni interpretattiva:

- il-kunċett ta' data personali <sup>(28)</sup>,
- id-definizzjoni tar-rwol tal-kontrollur tad-data jew il-proċessur tad-data,
- id-determinazzjoni tal-liġi applikabbli,
- il-prinċipju tal-limitazzjoni ta' l-għan u l-użu inkompatibbli,
- ir-raġunijiet legali għall-ipproċessar, speċjalment fir-rigward ta' kunsens, inambigwu u l-bilanċ ta' l-interessi.

#### E. Strumenti non vinkolanti oħrajn

63. Strumenti non vinkolanti oħrajn għandhom jiżviluppaw b'mod proattiv il-konformità mal-prinċipji ta' protezzjoni tad-data, b'mod partikolari f'ambjenti teknoloġiċi ġodda. Dawn il-miżuri għandhom jibnu fuq il-kunċett ta' "privacy by design", li jiżgura li l-arkitettura ta' teknoloġiji ġodda tkun żviluppata u mibnija billi jittieħed kont sew tal-prinċipji ta' protezzjoni tad-data. Il-promozzjoni ta' prodotti teknoloġiċi li jirrispettaw il-privatezza għandha tkun element kruċjali f'kuntest fejn l-użu ubikwitarju tal-kompjuter qed jiżviluppa malajr.

64. Marbuta mill-qrib hija n-neċessità li tiġi estiża l-iskala tal-partijiet interessati fl-infurzar tal-liġi tal-protezzjoni tad-data. Minn naħa waħda, il-KEPD jappoġġa bis-saħħa r-rwol fundamentali ta' l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data fl-infurzar tal-prinċipji tad-Direttiva, u jagħmel użu mhux misetgħat tagħhom kif ukoll mill-possibbiltà ta' koordinazzjoni fil-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29. Infurzar aktar effettiv tad-Direttiva huwa wkoll wieħed mill-oġettivi ta' "l-inizjattiva ta' Londra".

65. Minn naħa oħra, il-KEPD jenfasizza kemm huwa attraenti l-fatt li jiġi promoss l-infurzar privat tal-prinċipji ta' protezzjoni tad-data permezz ta' l-awtoregolamentazzjoni u l-kompetizzjoni. L-industrija għandha tiġi mħeġġa timplimentata l-prinċipji ta' protezzjoni tad-data u tikkompeti fl-iżvilupp ta' prodotti u servizzi li jirrispettaw il-privatezza bħala mod ta' kif tespandi l-pożizzjoni tagħha fis-suq billi tindirizza aħjar l-aspettattivi tal-konsumaturi konxji tal-privatezza. F'dan il-kuntest eżempju tajjeb jista' jinstab fis-siġilli ta' privatezza, li jistgħu jitwahnlu mal-prodotti u s-servizzi li jkunu għaddew minn proċedura ta' ċertifikazzjoni <sup>(29)</sup>.

<sup>(26)</sup> Ara l-Komunikazzjoni, p. 6.

<sup>(27)</sup> Ara l-Karta ta' Politika tal-KEPD "Il-KEPD bħala konsulent għall-Istituzzjonijiet Komunitarji dwar proposti għal leġislazzjoni u dokumenti relatati", disponibbli fuq il-websajt tal-KEPD (punt 5.2 tad-dokument).

<sup>(28)</sup> Dan is-suġġett ġie trattat ukoll fl-Opinjoni Nru 4/2007 tal-Grupp ta' Ħidma, ċitat fin-nota 9 f'qiegħ il-paġna.

<sup>(29)</sup> Ta' min wieħed isemmi l-proġett EuroPriSe, promoss mill-Awtorità tal-Protezzjoni tad-Data ta' Schleswig Holstein fi ħdan il-qafas tal-proġett Eten tal-Kummissjoni Ewropea.

66. Il-KEPD jixtieq ukoll jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għal għodod oħrajn li, għalkemm ma jissemmewx mill-Komunikazzjoni, jistgħu jirriżultaw utli għal implimentazzjoni aħjar tad-Direttiva. Eżempji ta' għodod bħal dawn li jgħinu lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data jinfurzaw aħjar il-liġi tal-protezzjoni tad-data huma:

- il-benchmarking,
- il-promozzjoni u l-kondiviżjoni ta' l-aħjar prattika,
- verifiki tal-privatezza minn parti terza.

#### F. Strumenti oħrajn, għall-perijodu itwal

67. Bħala punt ta' l-aħħar, il-KEDP jirreferi għal strumenti oħrajn li mhumiex imsemmija fil-Komunikazzjoni, iżda li jistgħu jew jiġu kkunsidrati għal bidla futura tad-Direttiva jew jiġu inklużi f'leġislazzjoni orizzontali oħra, b'mod partikolari:

- l-azzjonijiet kollettivi, li jagħtu s-setgħa lil gruppi ta' ċittadini biex konġuntament jużaw il-litigazzjoni fi kwistjonijiet li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data personali, jistgħu jikkostitwixxu għodda b'saħħitha ħafna biex ikun faċilitat l-infurzar tad-Direttiva.
- azzjonijiet, mibdija minn persuni ġuridiċi li l-attivitajiet tagħhom huma maħsuba biex jipproteġu l-interessi ta' ċerti kategoriji ta' persuni, bħall-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u t-trade unions, jista' jkollhom effett simili.
- l-obbligu għall-kontrolluri tad-data li jinnotifikaw ksur ta' sigurtà lis-suġġetti tad-data ma jkunx biss salvagwardja prezzjuża, iżda jkun ukoll mod ta' kif titqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini.
- dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw l-użu ta' siġilli tal-privatezza jew verifiki tal-privatezza minn parti terza (ara l-punti 65 u 66) f'kuntest transnazzjonali.

#### G. Definizzjoni aħjar tar-responsabbiltajiet ta' l-atturi istituzzjonali, b'mod partikolari l-Grupp ta' Ħidma

68. Atturi istituzzjonali differenti għandhom responsabbiltajiet relatati ma' l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Skond l-Artikolu 28 tad-Direttiva l-awtoritajiet ta' sorveljanza fl-Istati Membri huma responsabbli għall-monitoraġġ ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jtrasponu d-Direttiva fl-Istati Membri. L-Artikolu 29 jintroduċi l-Grupp ta' Ħidma ta' l-awtoritajiet ta' sorveljanza filwaqt li l-Artikolu 30 jenumera l-kompiti tiegħu. Skond l-Artikolu 31 kumitat ta' rappreżentanti mill-Gvernijiet ta' l-Istati Membri jassisti lill-Kummissjoni fir-rigward tal-miżuri implimentattivi fil-livell Komunitarju (kumitat ta' komitoloġija).

69. Il-ħtieġa għal definizzjoni aħjar tar-responsabbiltajiet ta' l-atturi differenti teżisti b'mod partikolari fir-rigward ta' (l-attivitajiet) tal-Grupp ta' Ħidma. L-Artikolu 30 (1) jelenka erba' kompiti tal-Grupp ta' Ħidma li jistgħu jiġu mqassra bħala l-eżami ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva fil-livell nazzjonali bil-ħsieb ta' uniformità u l-għoti ta' opinjonijiet dwar

l-iżvilupp fil-livell Komunitarju: il-livell ta' protezzjoni, pro-posti leġislattivi u kodiċi ta' kondotta. Din il-lista turi r-responsabbiltà wiesgħa tal-Grupp ta' Ħidma fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, li hija illustrata aktar mid-dokumenti prodotti mill-Grupp ta' Ħidma matul is-snin.

70. Skond il-Komunikazzjoni, il-Grupp ta' Ħidma "huwa element prinċipali fl-iżgurar ta' implimentazzjoni aħjar u aktar koerenti." Il-KEDP jaqbel bis-sħiħ ma' din id-dikjarazzjoni, iżda jqis ukoll li jeħtieġ li jiġu ċċarati xi elementi speċifiċi tar-responsabbiltajiet.

71. L-ewwel nett, il-Komunikazzjoni tħeġġeġ biex jittejjeb il-kontribut tal-Grupp ta' Ħidma, peress li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jagħmlu hilitom biex jadattaw il-prattika nazzjonali għal-linja komuni <sup>(30)</sup>. Il-KEPD jilqa' l-intenzjoni ta' din id-dikjarazzjoni, iżda jallerta li jista' jkun hemm konfużjoni ta' responsabbiltajiet. Huwa l-kompitu tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 211 KE li timmonitorja l-konformità fl-Istati Membri, inkluża l-konformità mill-awtoritajiet ta' sorveljanza. Il-Grupp ta' Ħidma, bħala konsulent indipendenti, ma jistax jinżamm responsabbli għall-applikazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali ta' l-opinjonijiet tiegħu.

72. It-tieni, il-Kummissjoni għandha tkun konxja tar-rwoli differenti tagħha fil-Grupp ta' Ħidma, peress li mhux biss hi Membru tal-Grupp ta' Ħidma iżda tipprovdi wkoll is-segretarjat tiegħu. Fl-eżerċizzju tat-tieni rwol bħala segretarjat, għandha tappoġġa l-Grupp ta' Ħidma b'mod li jkun jista' jwettaq il-ħidma tiegħu b'mod indipendenti. Dan bażikament ifisser żewġ affarijiet: il-Kummissjoni għandha tipprovdi r-riżorsi neċessarji u s-segretarjat għandu jaħdem taħt l-istruzzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma u l-President tiegħu fir-rigward tal-kontenut u l-ambitu ta' l-attivitajiet tal-Grupp ta' Ħidma, kif ukoll fir-rigward tan-natura tal-produzzjoni tiegħu. B'mod aktar ġenerali, l-attivitajiet tal-Kummissjoni fit-twettiq tad-doveri l-oħrajn tagħha skond il-liġi KE m'għandhomx ikunu ta' piż fuq id-disponibbiltà tagħha bħala segretarjat.

73. It-tielet, għalkemm l-għażla tal-prijoritajiet tal-Grupp ta' Ħidma hija d-diskrezzjoni tal-Grupp ta' Ħidma nnifsu, il-Kummissjoni tista' tindika x'tistenna mill-Grupp ta' Ħidma u kif tikkunsidra li r-riżorsi disponibbli jistgħu jintużaw l-aħjar.

74. Ir-raba', il-KEDP jiddispijaċi li l-Komunikazzjoni ma tagħtik indikazzjonijiet ċari dwar id-diviżjoni tar-rwoli bejn il-Kummissjoni u l-Grupp ta' Ħidma. Huwa jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta dokument lill-Grupp ta' Ħidma li fih jin-għataw it-tali indikazzjonijiet. Il-KEDP għandu s-suġġerimenti li ġejjin għal kwistjonijiet li għandhom jiġu inklużi f'dan id-dokument:

- Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Grupp ta' Ħidma jaħdem fuq numru ta' kwistjonijiet konkreti u speċifikati. It-talbiet tal-Kummissjoni għandhom ikunu bbażati fuq strateġija ċara tal-kompiti u l-prijoritajiet tal-Grupp ta' Ħidma.

<sup>(30)</sup> Ara l-paġna 11 tal-Komunikazzjoni.

- Il-Grupp ta' Ħidma jistabbilixxi l-prijoritajiet tiegħu stess fi Programm ta' Ħidma bi prijoritajiet ċari.
- Possibbilment, il-Kummissjoni u l-Grupp ta' Ħidma jistgħu jistabbilixxu l-arranġamenti tagħhom f'Memorandum ta' Ftehim.
- Huwa essenzjali li l-Grupp ta' Ħidma jkun involut bis-siġħ fl-interpretazzjoni tad-Direttiva u jaġti spunt lid-diskussjonijiet li jwasslu għal tibdil possibbli tad-Direttiva.

## VII. KONKLUŻJONIJIET

75. Il-KEDP jikkondividi l-konklużjoni ċentrali tal-Kummissjoni li d-Direttiva m'għandhiex tiġi emendata fil-perijodu qasir. Din il-konklużjoni tista' tiġi msaħħa billi tinbena wkoll fuq in-natura tad-Direttiva u fuq il-politika legiſlattiva ta' l-Unjoni.
76. Il-punti ta' tluq għall-KEPD huma kif ġej:
- Fil-perijodu qasir, aħjar l-enerġija tintuża fuq titjib fl-implimentazzjoni tad-Direttiva.
  - Fil-perijodu itwal, tibdil tad-Direttiva jidher li ma jistax jiġi evitat.
  - Għandha tiġi stabbilita minn issa data ċara għal reviżjoni sabiex jitħejjew proposti li jwasslu għal dan it-tibdil. Din id-data tagħti inċentiv ċar biex tinbena diġà minn issa r-riflessjoni dwar it-tibdil futur.
77. L-elementi prinċipali ta' tibdil futur jinkludu:
- M'hemmx bżonn ta' prinċipji ġodda, iżda hemm bżonn ċar għal arranġamenti amministrattivi oħrajn.
  - Il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli għall-użu kollu tad-data personali m'għandux jinbidel.
  - Il-liġi dwar il-protezzjoni tad-data għandha tippermetti approċċ bilanċjat f'każijiet konkreti u għandha wkoll tħalli lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data jistabbilixxu l-prijoritajiet.
  - Is-sistema għandha tapplika bis-siġħ għall-użu tad-data personali għal finijiet ta' infurzar tal-liġi, għalkemm miżuri addizzjonali adatti jistgħu jkunu neċessarji sabiex jiġu ttrattati problemi speċjali f'dan il-qasam.
78. Il-KEPD jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tispeċifika: pian biddati għall-attivitajiet tal-Kapitolu 3 tal-Komunikazzjoni; skadenza għal rapport sussegwenti dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva; termini ta' referenza biex jitkejjel it-tweġiq ta' l-attivitajiet previsti; indikazzjonijiet dwar kif wieħed ser ikompli fil-perijodu itwal.
79. Il-KEDP jilqa' l-approċċ dwar it-teknoloġija bħala pass importanti ta' l-ewwel u jissuġġerixxi li tinbena d-diskuss-

joni dwar approċċ għall-perijodu fit-tul, inkluż inter alia dibattitu fundamentali dwar l-iżvilupp ta' soċjetà ta' sorveljanza. Huwa jilqa' wkoll ir-reviżjoni li għaddeja bħalissa tad-Direttiva 2002/58/KE u l-hteġa possibbli għal regoli aktar speċifiċi sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data li jirriżultaw minn teknoloġiji ġodda bħall-Internet u l-RFID. Dawn l-azzjonijiet għandhom jieħdu kont tal-kuntest dinamiku fl-intier tiegħu u f'perspettiva għall-perijodu fit-tul jinvolvu wkoll id-Direttiva 95/46/KE.

80. Il-KEDP jiddispijaċih li l-perspettiva ta' privatezza fil-livell globali u ġurisdizzjoni għandha rwol limitat fil-Komunikazzjoni u jitlob għal soluzzjonijiet prattiċi li jirrikonċiljaw il-bżonn għall-protezzjoni tas-suġġetti tad-data Ewropea mal-limitazzjonijiet territorjali ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħal: l-iżvilupp ulterjuri ta' Qafas Globali għall-protezzjoni tad-data; l-iżvilupp ulterjuri tar-reġim speċjali għat-trasferiment tad-data lejn pajjiżi terzi; ftehim internazzjonali dwar il-ġurisdizzjoni jew ftehim simili ma' pajjiżi terzi; l-investiment f'mekkaniżmi għall-konformità globali, bħall-użu ta' regoli korporattivi vinkolanti minn kumpanniji multinazzjonali.

Il-KEPD jistieden lill-Kummissjoni tibda tiżviluppa viżjoni dwar din il-perspettiva, flimkien ma' l-aktar partijiet interesati rilevanti.

81. Fir-rigward ta' l-infurzar tal-liġi, il-KEDP għandu s-suġġerimenti li ġejjin għall-Kummissjoni:

- Issir riflessjoni ulterjuri dwar l-implikazzjonijiet ta' l-involviment ta' kumpanniji privati f'attivitajiet ta' infurzar tal-liġi.

- Jinżamm l-*effet utile* ta' l-Artikolu 13 tad-Direttiva, possibbilment billi tiġi proposta legiſlazzjoni li timmira lejn l-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet u s-salvagwardji għall-użu ta' l-eżenzjonijiet ta' l-Artikolu 13.

82. L-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva t'fisser (1) li jiġi żgurat li l-Istati Membri jikkonformaw bis-siġħ ma' l-obbligi tagħhom skond id-dritt Ewropew u (2) li jintużaw bis-siġħ għodod mhux vinkolanti oħrajn li jistgħu jkunu strumentali għal livell għoli u armonizzat tal-protezzjoni tad-data. Il-KEDP jitlob mill-Kummissjoni li tindika b'mod ċar kif ser tuża l-istrumenti differenti u kif tiddistingwi r-responsabbiltajiet proprji tagħha minn dawk tal-Grupp ta' Ħidma.

83. Fir-rigward ta' dawk l-istrumenti:

- F'ċerti każijiet tista' tkun meħtieġa azzjoni legiſlattiva speċifika fil-livell ta' l-UE.

- Il-Kummissjoni hija mħeġġa tipprova tikseb implimentazzjoni aħjar tad-Direttiva permezz ta' proċeduri ta' ksur.

- Il-Kummissjoni hija mistiedna tuża l-istrument ta' komunikazzjoni interpretattiva — filwaqt li tirrispetta r-rwol konsultattiv kemm tal-Grupp ta' Ħidma kif ukoll tal-KEDP — għall-kwistjonijiet li ġejjin: il-kunċett ta' data personali; id-definizzjoni tar-rwol tal-kontrollur tad-data jew il-proċessur tad-data; id-determinazzjoni tal-liġi applikabbli; il-prinċipji ta' limitazzjoni ta' l-għan u l-użu inkompatibbli; ir-raġunijiet legali għall-ipproċessar, speċjalment fir-rigward ta' kunsens inambigwu u l-bilanċ ta' interessi.
  - Strumenti mhux vinkolanti jinkludu strumenti li jibnu fuq il-kunċett ta' "privacy by design".
  - Għall-perijodu itwal anki: azzjonijiet kollettivi; azzjonijiet mibdija minn persuni ġuridiċi li l-attivitajiet tagħhom huma mfassla biex jipproteġu l-interessi ta' ċerti kategoriji ta' persuni; obbligi għall-kontrolluri tad-data li jinnotifikaw ksur ta' sigurtà lis-suġġetti tad-data; dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw l-użu ta' siġilli tal-privatezza jew verifiki tal-privatezza minn parti terza f'kuntest transnazzjonali.
84. Il-KEDP jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta dokument lill-Grupp ta' Ħidma fejn tagħti indikazzjonijiet ċari dwar id-diviżjoni tar-rwoli bejn il-Kummissjoni u l-Grupp ta' Ħidma, inklużi l-kwistjonijiet li ġejjin:
- Talbiet lill-Kummissjoni biex taħdem fuq numru ta' kwistjonijiet konkreti u speċifikati, ibbażati fuq strateġija ċara tal-kompiti u l-prijoritajiet tal-Grupp ta' Ħidma.
  - Il-possibbiltà li jiġu stabbiliti arranġamenti fi MtF.
  - L-involvement sħiħ tal-Grupp ta' Ħidma fl-interpretazzjoni tad-Direttiva u d-diskussjonijiet li jwasslu għal tibdil possibbli tad-Direttiva.
85. Il-konsegwenzi tat-Trattat ta' Riforma għandhom jiġu kkunsidrati kif dovut, sabiex tkun żgurata l-aktar applikazzjoni wiesgħa possibbli tal-prinċipji ta' protezzjoni tad-data li jin-sabu fid-Direttiva. Il-KEPD ippreżenta suġġerimenti fittra lill-Presidenza ta' l-IGC.
- Magħmul fi Brussell, 25 ta' Lulju 2007,
- Peter HUSTINX  
*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*